VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,802, 2 ta' Settembru, 2011*
*Taqsima B*

**A.L. 348 tal-2011**

**ATT DWAR L-AWTORITA GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTA FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)**

**Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ewwel Għajnuna fuq il-Post tax-Xogħol**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunita, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ewwel Għajnuna fuq il-Post tax-Xogħol, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar- Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Ewwel Għajnuna fuq il-Post tax-Xogħol hawnhekk iżjed' il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 11 ta' l-2002.

Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok it-tifsira "persuna li tagħti l-ewwel għajnuna" għandu jidħol dan li ġej:-

""persuna li tagħti l-ewwel għajnuna" tfisser persuna li rċeviet taħriġ u li għandha ċertifikazzjoni valida li turi kwalifika maħruġa minn għalliem tal-ewwel għajnuna;

"għalliem tal-ewwel għajnuna" tfisser persuna li għandha fil-pussess tagħha kwalifika rikonoxxuta maħruġa minn korp akkreditat miċ-Ċentru ta' Informazzjoni Malti għar-Rikonoxximent ta' Kwalifiki."

Jemenda ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

**3.** Minflok is-subregolament (4) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej-

"(4) Il-kontenut tal-kaxxi ta' l-ewwel għajnuna għandu jinkludi dawn l-oġġetti li ġejjin-

(a) mill-inqas għaxar *adhesive dressings* sterilizżati f'qisien differenti u ppakkjati waħda waħda;

(b) *eye pads* bil-qfieli sterelizżati;

(c) mill-inqas tlett faxex triangolari;

(d) mill-inqas sitt labar tas-sarwan;

(e) mill-inqas tliet *unmedicated dressings* sterilizzati f'qisien differenti;

(f) provvista adegwata ta' likwidu sterilizzat għall-ħasil ta' l-għajnejn;

(g) mill-inqas tlett pari ingwanti kirurġiċi;

(h) mill-inqas tlett faxex ta' qisien differenti;

(i) *personal protection shield* li tintuza għal meta ssir ir-respirazzjoni artifiċjali;

(j) tlett garżi ppakkjati waħda waħda."

Iħassir l-Iskeda mar-regolamenti prinċipali

**4.** L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.

**L.N. 348 of 2011**

## OCCUPATIONAL HEALTH AND SAFETY AUTHORITY ACT (CAP. 424)

### Work Place (First Aid) (Amendment) Regulations, 2011

IN EXERCISE of the powers conferred by article 12 of the Occupational Health and Safety Act, the Minister for Health, the Elderly and Community Care, in consultation with the Occupational Health and Safety Authority, has made the following regulations:

**1.** The title of these regulations is the Work Place (First Aid) (Amendment) Regulations 2011, and they shall be read and construed as one with the Work Place (First Aid) Regulations, 2002, hereinafter referred to as "the principal regulations". Title. L.N. 11 of 2002

**2.** In sub-regulation (1) of regulation 2 of the principal regulations, for the definition "first aider" there shall be substituted the following. Amends regulation 2 of the principal regulations.

""first aider" means a person who has received training and holds a valid certification attesting qualification issued by a first aid trainer;

"first aid trainer" means a person in possession of a recognised qualification given by an awarding body which is accredited by the Malta Qualifications Recognition Information Centre."

**3.** For sub-regulation (4) of regulation 4 of the principal regulations, there shall be substituted the following: Amends regulation 4 of the principal regulations.

(4) The contents of first aid boxes shall include the following items:

(a) a minimum of ten individually wrapped sterile adhesive dressings in various sizes:

(b) sterile eye pads with attachment;

(c) a minimum of three triangular bandages;

(d) a minimum of six safety pins;

(e) a minimum of three sterile unmedicated dressings in various sizes;

(f) a suitable supply of sterile eye wash;

(g) a minimum of three pairs of surgical gloves;

(h) a minimum of three roller bandages of different sizes;

(i) one personal protection shield for use during artificial respiration;

(j) three individually wrapped gauze pads."

Deletes the Schedule to the principal regulations.

**4.** The Schedule to the principal regulations shall be deleted.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.18